



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Lulju 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0151(NLE)

11674/24
ADD 1

ECOFIN 772
UEM 188
FIN 637
CADREFIN 116

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	COM(2024) 277 final
Suġġett:	ANNESS għad-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ġermanja

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-anness imsemmi hawn fuq għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni emendatorja tal-Kunsill.

TAQSIMA 1 RIFORMI U INVESTIMENTI TAĦT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

Deskrizzjoni tar-Riformi u l-Investimenti

A. IL-KOMPONENT 1.1: Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari;

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima billi jimmira li jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) fl-ekonomija. L-oġġettivi tal-komponent huma li jappoġġa l-użu tal-idroġenu prodott b'enerġija minn sorsi rinnovabbli u li jikkontribwixxi b'ħala għan primarju għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif definit fl-NECP Ġermaniż, b'enfasi fuq l-industrija. Il-komponent ifittex ukoll li jagħti kontribut f'termini ta' innovazzjoni industrijali u politika tal-impjiegi.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni ekoloġika u jikkostitwixxi element kostitwenti wieħed fit-tfassil ta' sistema tal-enerġija nadifa, effiċjenti u integrata (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

1.1.1 investment: Proġetti tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs

L-oġġettiv tal-Proġetti Importanti għall-idroġenu ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs)¹ ippjanati huwa li jaċċelleraw l-adozzjoni meħtieġa mis-suq tal-idroġenu u tad-derivattivi tiegħu biex jiġu dekarbonizzati l-proċessi intensivi fl-emissjonijiet u jiġu żviluppati oqsma ġodda ta' applikazzjoni fil-Ġermanja u fl-Ewropa.

¹ L-IPCEIs huma soġġetti għar-reqwizit ta' notifika u l-obbligu ta' waqfien totali fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għażla u l-ispeċifikitajiet tal-proġetti proposti jistgħu jeħtieġu aġġustamenti biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ finanzjarju li għandu jingħata lil proġetti integrati tul il-katina tal-valur kollha permezz ta' IPCEIs ippjanati dwar l-idroġenu. Fir-rigward tal-produzzjoni, l-IPCEIs ippjanati għandhom jiffukaw fuq il-bini ta' kapaċità kbira ta' elettroliżi biex jiġi prodott idroġenu rinnovabbli f'postijiet fejn ikun disponibbli biżżejjed elettriku rinnovabbli. F'dan il-qafas, hemm l-għan li jinbnew sa 500 MW ta' kapaċità tal-elettroliżi. Fir-rigward tal-infrastruttura, dawn għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-bini ta' infrastruttura Ġermaniża u Ewropea għat-trasport u l-ħżin tal-idroġenu.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

1.1.2 investiment: Programm ta' finanzjament għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tgħin lill-industrija taqleb minn proċessi ta' produzzjoni b'intensità għolja ta' emissjonijiet għal proċessi b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra. B'mod aktar preċiż, hija tfittex li tgħin lin-negozji jindirizzaw l-isfidi tat-tranżizzjoni, li jinsabu b'mod partikolari fil-kostijiet għoljin u r-riskju ekonomiku tal-iżvilupp ta' teknoloġiji newtrali għall-klima.

Għandu jingħata appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp, l-ittestjar f'impjanti sperimentali jew pilota u l-investimenti f'installazzjonijiet għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri fuq skala industrijali. L-appoġġ għandu jingħata fil-forma ta' għotja ta' investiment parzjali. Il-miżura hija mmirata lejn kumpaniji f'industriji intensivi fl-enerġija b'emissjonijiet ta' gassijiet serra li jirriżultaw mill-proċess ta' produzzjoni kopert mill-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (b'mod partikolari l-azzar, is-siment, il-gir, is-sustanzi kimiċi, il-metalli mhux ferrużi, il-ħġieġ u ċ-ċeramika). Huma biss il-proġetti li jirriżultaw f'emissjonijiet sostanzjalment taħt il-parametri referenzjarji tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ skont il-miżura.²

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Barra minn hekk, il-Ġermanja qed tippjana li ttawwal il-miżura lil hinn mill-2026 b'finanzjament mill-baġit nazzjonali tagħha.

1.1.3 investiment: Skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażati fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju

L-oġġettiv tal-miżura huwa, bħal fil-każ tal-miżura 1.1.2, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ta' produzzjoni ġodda u aktar nodfa għall-industriji intensivi fl-enerġija. L-oġġettiv speċifiku tal-miżura huwa li ttipprovdi lin-negozji b'ċertezza finanzjarja meta jagħmlu investimenti sinifikanti f'teknoloġiji newtrali għall-klima u li tnaqqas fuq bażi permanenti l-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mal-proċess li huma diffiċli li jiġu evitati taħt l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku attwali tat-teknoloġiji.

² Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumiex sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħteġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji huma stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

Il-kuntratti ta' azzjoni klimatika għandhom jiġu ffirmati bejn l-Istat u l-industriji intensivi fl-enerġija biex itaffu l-kostijiet operatorji ogħla tat-teknoloġiji innovattivi. Dawn il-kuntratti għandhom jiggarrantixxu prezz fiss tas-CO₂ fuq tul ta' żmien fiss għall-kumpaniji li jinvestu f'teknoloġiji ta' tnaqqis tas-CO₂. Il-programm huwa mmirat primarjament lejn kumpaniji fl-industriji tal-azzar, tal-kimika u tal-materjali tal-bini fejn l-emissjonijiet tal-proċess huma partikolarment diffiċli biex jiġu evitati. Huma biss il-proġetti li jirriżultaw f'emissjonijiet sostanzjalment taħt il-parametri referenzjarji tal-ETS li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ taħt il-miżura.³

L-implimentazzjoni tal-investment hija mistennija li tibda sal-31 ta' Diċembru 2021 u għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Barra minn hekk, il-Ġermanja qed tippjana li ttawwal il-miżura lil hinn mill-2026 b'finanzjament mill-baġit nazzjonali tagħha.

1.1.4 investment: Riċerka dwar il-protezzjoni tal-klima relatata mal-proġetti

Bħal miżuri oħra minn dan il-komponent, l-għan ta' din il-miżura huwa li tikkontribwixxi għall-għan ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija f'konformità mal-miri tal-2050 iżda b'enfasi aktar qawwija fuq l-SMEs u l-industriji bażiċi.

Il-proġetti kollaborattivi għandhom jiġu appoġġati fit-tliet oqsma: (i) il-protezzjoni tal-klima fl-industrija, (ii) l-innovazzjoni tal-SMEs u (iii) ir-reżiljenza għall-klima. L-ewwel qasam għandu jiffoka fuq il-protezzjoni tal-klima fl-industrija tal-materjali bażiċi bl-għan li jiġu promossi r-riċerka industrijali u l-iżvilupp ta' proċessi ġodda li jipprevjenu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. It-tieni qasam ta' fokus għandu jikkonsisti f'miżuri ta' appoġġ għall-innovazzjoni tal-SMEs li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-effiċjenza enerġetika. Fl-aħħar nett, it-tielet qasam għandu jiffoka fuq miżuri ta' appoġġ għal proġetti ta' reżiljenza għall-klima minn muniċipalitajiet u negozji lokali assoċjati ma' sħab fir-riċerka (universitajiet u istituti ta' riċerka mhux universitarji).

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

1.1.5 investment: Proġetti ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu

Din il-miżura tikkontribwixxi għall-oġettiv ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija u għandha tiffoka speċifikament fuq l-indirizzar ta' kwistjonijiet ewlenin relatati mal-provvista tal-idroġenu ekoloġiku fis-sistema tal-enerġija futura.

Min-naħa tar-riċerka, l-ewwel inizjattiva ewlenija għandha tindirizza l-isfidi tal-produzzjoni serjali tal-elettrolizzaturi tal-ilma. It-tieni inizjattiva ewlenija għandha tiffoka fuq il-produzzjoni integrata diretta lil hinn mill-kosta tal-idroġenu u d-derivattivi tiegħu fuq il-baħar bl-użu tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta. It-tielet

³ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet projettati ta' gassijiet serra li mhumiex sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji huma stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447

inizjattiva ewlenija għandha tesplora u tivvaluta l-potenzjal tat-teknoloġiji tat-trasport tal-idroġenu.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

1.1.6 investment: Appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana

Il-miżura tikkonsisti minn appoġġ finanzjarju għal proġetti ta' investment għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistemi eżistenti ta' tisħin distrettwali, kif ukoll proġetti ta' investment għall-kostruzzjoni ta' networks ġodda tat-tisħin distrettwali, li jespandu s-sehem tas-sħana minn sorsi rinnovabbli u s-sħana mormija.

Networks ġodda tat-tisħin distrettwali għandhom jiġu appoġġati b'mill-inqas 75 % tal-enerġija rinnovabbli u s-sħana mormija. Ma għandhomx jiġu ffinanzjati fjuwils fossili. L-appoġġ skont l-iskema għandu jingħata biss għall-ġenerazzjoni tas-sħana minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inkluża l-bijomassa sostenibbli, u s-sħana mormija.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
1	1.1.1 proġett tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs	Stadju importanti	Tlestija tal-proċedura ta' espressjoni ta' interess	Il-kumpaniji ssottomettew abbozzi ta' proġetti	—	—	—	Q2	2021	Il-proċedura ta' espressjoni ta' interess tlestiet. Ġew identifikati proġetti potenzjali u parteċipanti ta' proġetti fil-Ġermanja.
2	1.1.1 proġett tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs	Stadju importanti	Ħruġ tal-ewwel deċiżjonijiet ta' għotja	Deċiżjonijiet ta' għotja maħruġa	—	—	—	Q1	2022	Inħarġ deċiżjonijiet dwar l-ġhoti ta' għotjiet lir-riċevituri/applikanti mill-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni Klimatika (BMWK) u mill-Ministeru Federali għad-Diġitali u t-Trasport (BMDV) li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula.
3	1.1.1 proġett tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs	Mira	Impenn ta' mill-inqas EUR 500 000 000	—	F'miljuni ta' EUR	0	500	Q2	2024	Mill-inqas EUR 500 000 000 ġew impenjati għal proġetti tal-idroġenu f'konformità mad-deċiżjonijiet ta' għotja maħruġa.
4	1.1.1 proġett tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs	Stadju importanti	Evalwazzjoni tal-programm ta' appoġġ	L-ewwel rapport ta' evalwazzjoni (rapport interim) ippubblikat	—	—	—	Q4	2025	L-evalwaturi pprovdew l-ewwel rapport ta' evalwazzjoni, li għandu jkun fih valutazzjoni inizjali tal-effetti diretti u indiretti tal-ġajjnuna u valutazzjoni tal-adegwatezza u l-proporzjonalità tal-miżura ta' appoġġ. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jivvaluta b'mod partikolari s-suċċess lejn l-iżvilupp tal-kapaċitajiet

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										elettrolitiċi, l-integrazzjoni sistemika tagħhom fis-sistema tal-enerġija (l-evitar ta' konġestjonijiet fin-network), l-iżvilupp ta' infrastruttura xprunata mid-domanda, l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji tad-dekarbonizzazzjoni tal-idroġenu. L-evalwaturi għandhom jivvalutaw ukoll is-suċċess tal-adozzjoni mis-suq tat-teknoloġija tal-idroġenu u sa liema punt huwa rilevanti għas-sistema u l-ħtiġijiet tal-enerġija. L-evalwazzjoni għandha tiġi kkuntrattata lil evalwaturi esterni u indipendenti.
5	1.1.1 proġett tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs	Mira	Impenn ta' EUR 1 500 000 000	—	F'miljuni ta' EUR	0	1 500	Q3	2026	Mill-inqas EUR 1 500 000 000 ġew impenjati għal proġetti tal-idroġenu f'konformità mad-deċiżjonijiet ta' għotja maħruġa.
6	1.1.1 proġett tal-idroġenu fil-qafas tal-IPCEIs	Mira	Ħolqien ta' mill-inqas 300 MW ta' kapaċità ta' elettroliżi		Megawatt	0	300	Q3	2026	Għandhom jinħolqu mill-inqas 300 MW ta' kapaċitajiet ta' elettroliżi.
7	1.1.2 programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-linja gwida dwar il-finanzjament (Förderrichtlinie) għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija	Dħul fis-seħħ tal-linja gwida dwar il-finanzjament	—	—	—	Q1	2021	Il-linja gwida daħlet fis-seħħ, li tippermetti lill-kumpaniji jissottomettu l-applikazzjonijiet.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
8	1.1.2 programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija	Mira	Ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' għotja	—	Għadd	0	20	Q4	2024	Id-deċiżjonijiet ta' għotja nħarġu lir-riċevituri/applikanti, li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula.
9	1.1.2 programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija	Mira	Żborż għall-proġetti appoġġati	—	F'miljuni ta' EUR	0	426.823	Q3	2026	Mill-EUR 449 288 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 426 823 000 ta' fondi impenjati għall-proġetti magħżula ġew żborżati lir-riċevituri.
10	1.1.2 programm ta' appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni fl-industrija	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-industrija	—	Miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 (evitar annwali)	0	1	Q3	2026	Il-miżura wasslet għall-evitar ta' mill-inqas 1 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO2 fi 12-il xahar konsekuttiv 2025/2026, kif muri mir-rapporti interim/finali mibgħuta mir-riċevituri lill-promotur tal-proġett. Ir-rapporti għandhom jindikaw kemm ġew evitati emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mill-proġetti implimentati, meta mqabbla mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra li kienu jseħħu mingħajr l-intervent. It-tnaqqis globali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra miksub mill-miżura għandu jinġabar fil-qosor frapport separat.
11	1.1.3 skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika	Stadju importanti	Tlestija tal-proċedura ta' espressjoni ta' interess għall-kuntratti tat-tibdil fil-klima	Il-kumpaniji jissottomettu espressjonijiet ta' interess għall-kuntratti tat-tibdil	—	—	—	Q4	2021	Il-proċedura ta' espressjoni ta' interess tlestiet, bil-kumpaniji li esprimew l-interess tagħhom li jirċievu appoġġ għall-proġetti tagħhom permezz ta' kuntratti u proġetti dwar it-tibdil fil-

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	bbażati fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju			fil-klima lill-Ministeru Federali għall-Affarijiet Ekonomiċi u l-Azzjoni Klimatika (BMWK)						klima li ntgħażlu.
12	1.1.3 skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażati fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju	Stadju importanti	Linja gwida dwar il-finanzjament (Förderrichtlinie) għal programm pilota dwar il-kuntratti tat-tibdil fil-klima bbażat fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju	Dħul fis-seħħ tal-linja gwida dwar il-finanzjament	—	—	—	Q3	2022	Il-linja gwida għal programm pilota dwar il-kuntratti tat-tibdil fil-klima bbażat fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza dwar il-Karbonju daħlet fis-seħħ, li tippermetti lill-kumpaniji jissottomettu applikazzjonijiet.
13	1.1.3 skema pilota għal kuntratti ta' azzjoni klimatika bbażati fuq il-prinċipju tal-Kuntratti għad-Differenza għall-Karbonju	Mira	Żborż għall-proġetti appoġġati	—	F'miljuni ta' EUR	0	522, 5	Q3	2026	Mill-EUR 550 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 522 500 000 ta' fondi impenjati għall-proġetti magħżula ġew żborżati lir-riċevituri.
14	1.1.4 riċerka dwar il-	Mira	Approvazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-	—	Numru ta' applikazzjo	0	45	Q4	2021	Il-proġetti ta' riċerka relatati mal-klima magħżula taħt is-sejħa għall-offerti

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	protezzjoni tal-klima relatata mal-proġetti		appoġġ ta' proġetti ta' riċerka relatati mal-klima		nijiet approvati					ġew approvati għall-finanzjament.
15	1.1.4 riċerka dwar il-protezzjoni tal-klima relatata mal-proġetti	Mira	Żborż għall-proġetti appoġġati	—	F'miljuni ta' EUR	0	57	Q4	2025	Mill-EUR 60 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 57 000 000 ta' fondi impenjati għall-proġetti magħżula ġew żborżati lir-riċevituri.
16	1.1.4 riċerka dwar il-protezzjoni tal-klima relatata mal-proġetti	Mira	Tlestija ta' proġetti ta' riċerka appoġġati relatati mal-klima	—	Għadd	0	45	Q4	2025	Il-proġetti tlestew, kif muri mis-sottomissjoni tar-rapport finali.
17	1.1.5 proġetti ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-kompetizzjoni "Idea Competition 'Hydrogen Republic Germany' (Förderaufuf zum Ideenwettbewerb "Wasserstoffrepublik Deutschland")	Pubblikazzjoni tal-kompetizzjoni fil-paġna ewlenija tal-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka	—	—	—	Q2	2020	Il-kompetizzjoni, inklużi l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, ġiet ippublikata fuq il-paġna ewlenija tal-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka u nfetħet għall-applikazzjonijiet.
18	1.1.5 proġetti ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali	Mira	Ħruġ ta' deċiżjonijiet ta' għotja	—	Numru ta' deċiżjonijiet ta' għotja maħruġa	0	150	Q2	2022	Id-deċiżjonijiet ta' għotja nħarġu lir-riċevituri/applikanti, li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	għall-Idroġenu									
19	1.1.5 proġetti ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu	Mira	Tlestija tal-proġetti appoġġati	—	Għadd	0	150	Q3	2026	Il-proġetti tlestew, kif muri mid-disponibbiltà tar-rapport finali uffiċjali. Dawn ir-rapporti għandhom jiddeskrivu fid-dettall ir-riżultati miksuba u jqabbluhom mal-oġettivi stabbiliti.
20	1.1.5 proġetti ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu	Mira	Żborż għall-proġetti appoġġati	—	F'miljuni ta' EUR	0	560	Q3	2026	Mill-EUR 700 000 000 allokati għall-proġetti ewlenin, mill-inqas EUR 560 000 000 ġew żborżati lir-riċevituri. Kalkolu bbażat fuq pagamenti attwali magħmula.
21	1.1.5 proġetti ewlenin għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-kuntest tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Idroġenu	Mira	Impenn għal proġetti ewlenin ta' riċerka u innovazzjoni	—	F'miljuni ta' EUR	0	665	Q3	2026	Mill-EUR 700 000 000 allokati għall-proġetti ewlenin, ġew impenjati mill-inqas EUR 665 000 000.
21A	1.1.6 appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-	Mira	Iffirmar ta' deċiżjonijiet ta' għotja	—	Deċiżjonijiet ta' għotja	0	200	Q4	2023	L-awtorità ta' implimentazzjoni, BAFA (Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle), iffirmat 200 deċiżjoni ta' għotja għal proġetti

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	sħana									f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.
21B	1.1.6 appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana	Mira	Tlestija ta' studji tal-fattibbiltà u/jew pjanijiet ta' trasformazzjoni	—	Studji tal-fattibbiltà u/jew pjanijiet ta' trasformazzjoni	0	50	Q4	2024	Tlestew mill-inqas 50 studju tal-fattibbiltà u/jew pjan ta' trasformazzjoni f'konformità mal-linji gwida dwar il-finanzjament għal tisħin distrettwali effiċjenti mill-1 ta' Awwissu 2022 u ġew ippreżentati lill-awtorità ta' implimentazzjoni, (Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle) BAFA.
21C	1.1.6 appoġġ federali għal networks effiċjenti tas-sħana	Mira	Żborż għall-proġetti appoġġati	—	Miljuni ta' EUR żborżati	0	541.5	Q2	2026	Mill-EUR 570 000 000 allokati għall-miżura, ġew żborżati mill-inqas EUR 541 500 000 għall-proġetti appoġġati f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura.

B. IL-KOMPONENT 1.2: Mobbiltà li ma tagħmilx ħsara lill-klima

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima b'enfasi fuq is-settur tat-trasport.

L-oġġettiv tal-komponent huwa li jikkontribwixxi għat-tnaqqis sostanzjali tal-emissjonijiet tas-CO₂ fis-settur tat-trasport. Hija għandha l-għan speċifiku li tistabbilixxi teknoloġiji alternattivi fis-settur tat-trasport b'mod sostenibbli, biex tagħmilhom aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, favur il-klima u l-ambjent, u b'hekk tkompli tippromwovi t-tranżizzjoni tal-enerġija fit-trasport.

L-appoġġ għall-iżvilupp tas-suq tal-elettromobbiltà u l-investment komplementari f'teknoloġiji ta' mobbiltà sostenibbli huma maħsuba wkoll biex jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn industrija awtomobilistika u tal-provvista newtrali għall-klima u biex jgħinu lill-Ġermanja ssaħħa l-ekonomija tagħha fuq terminu medju u twil.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex "l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq it-trasport sostenibbli, (...) ir-riċerka u l-innovazzjoni" (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

1.2.1 investment: Appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar

L-isfida ġenerali indirizzata mill-miżura hija l-ħtieġa li jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' mobbiltà nadifa għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. B'mod speċifiku, din il-miżura tindirizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat network kullimkien ta' infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettroniċi. Din hija waħda mill-kundizzjonijiet ewlenin għas-suċċess tal-elettromobbiltà peress li n-nuqqas attwali ta' infrastruttura tal-iċċarġjar iżomm lura x-xiri ta' vetturi elettroniċi.

Il-miżura tikkonsisti f'għajjnuna għall-bini ta' punti tal-irriċarġjar, inkluża l-konnessjoni meħtieġa mal-grilja tas-sit tal-irriċarġjar u l-installazzjoni tal-punt tal-iċċarġjar innifsu. L-appoġġ għandu jiehwa l-forma ta' finanzjament ta' proġetti għal skema ta' għotjiet li għandha titħaddem mill-Ministeru Federali għad-Diġitali u t-Trasport (BMDV). Dan għandu japplika kemm għall-infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku kif ukoll għal dik mhux aċċessibbli għall-pubbliku.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

1.2.2 investment: Finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobbiltà

L-isfida ġenerali indirizzata mill-miżura hija l-ħtieġa li jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' mobbiltà nadifa għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. B'mod partikolari, hija timmira lejn l-iżvilupp ulterjuri tas-suq tal-elettromobbiltà u, b'mod partikolari, l-iżvilupp ta' flotot ta' vetturi municiġali u kummerċjali.

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ finanzjarju mogħti għax-xiri ta' vetturi elettriċi fi flotot municiġali u kummerċjali u l-infrastruttura tal-iċċarġjar meħtieġa għat-tħaddim ta' dawn il-vetturi. Barra minn hekk, għandhom jiġu appoġġati proġetti ta' riċerka u żvilupp orjentati lejn l-applikazzjoni, l-iżvilupp ta' proġetti ta' mobbiltà elettrika (municiġali u kummerċjali) u kunċetti ta' elettromobbiltà. L-appoġġ għandu jieħu l-forma ta' finanzjament ta' skema ta' għotjiet li għandha titħaddem mill-Ministeru Federali għad-Diġitali u t-Trasport.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

1.2.3 investment: Appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati

L-isfida ġenerali indirizzata minn din il-miżura hija l-istess bħal dik għall-miżura 1.2.2. Il-promozzjoni tal-elettromobbiltà hija parti essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi ta' Pariġi fis-settur tat-trasport. Il-miżura tiffoka fuq l-isfida rrappreżentata mis-sehem baxx ħafna ta' karożżi elettroniċi puri fil-flotta totali tal-vetturi (1.2 % fl-2020), speċjalment meta mqabbla mas-7 miljun sa 10 miljun vettura elettrika previsti fil-Programm dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2030.

Il-miżura għandha tnaqqas il-prezzijiet tax-xiri tal-vetturi elettriċi, li normalment ikunu ogħla meta mqabbla ma' daww b'magni b'kombustjoni interna, u b'hekk jiġi stimulat is-suq. L-appoġġ għandu jingħata esklużivament għall-promozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero u ibridi rikarikabbli li jarmu inqas minn 50 g CO₂/km.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Ir-riforma tal-1.2.4: Estensjoni tal-perjodu ta' reġistrazzjoni inizjali għall-għoti tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq għaxar snin għal vetturi purament elettriċi

L-isfida ġenerali indirizzata minn din il-miżura hija l-istess bħal dik għall-miżura 1.2.2. Il-promozzjoni tal-elettromobbiltà hija parti essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi ta' Pariġi fis-settur tat-trasport.

Il-miżura tikkonsisti f'eżenzjoni mit-taxxa ta' għaxar snin li tibda mir-reġistrazzjoni ta' vettura elettrika. Għandha tkun limitata għal vetturi purament elettriċi. L-eżenzjoni għandha tapplika għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2026.

1.2.5 investment: Appoġġ għax-xiri ta' xarabanks bi propulsjoni alternattiva

L-isfida ġenerali indirizzata minn din il-miżura hija l-istess bħal dik għall-miżura 1.2.2. L-għan tal-miżura huwa li tappoġġa ċ-ċirkolazzjoni tas-suq ta' karożżi tal-linja li jaħdmu bi fjuwils alternattivi fit-trasport tal-passiġġieri. Bħalissa, il-karożżi tal-linja li jaħdmu bid-diżil għadhom jintużaw kważi esklużivament fit-trasport bil-karożżi tal-linja. Il-bidla lejn xarabanks b'emissjonijiet baxxi għandha tikkontribwixxi għal impatt klimatiku aktar baxx u inqas tniġġis tal-arja.

Il-miżura tikkonsisti f'għotjiet attribwiti abbażi ta' sejħiet għall-offerti. Il-fondi għandhom jintużaw prinċipalment għall-karozzi tal-linja elettriċi li jaħdmu bil-batteriji, għat-trolley buses tal-batteriji, għall-karozzi tal-linja biċ-ċelloli tal-fjuwil u għall-karozzi tal-linja li jaħdmu bil-bijometan b' 100 %. L-infrastruttura operazzjonalment meħtieġa, kif ukoll l-istudji ta' fattibbiltà dwar is-sewqan alternattiv fit-trasport pubbliku, jistgħu jiġu appoġġati wkoll. Huwa mistenni li l-finanzjament tax-xarabanks li għandhom jiġu alimentati bil-bijometan se jibqa' limitat (is-sehem tax-xarabanks tal-gass fil-Ġermanja naqas b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin u bħalissa huwa madwar 2 % tal-karozzi tal-linja kollha fl-ibliet li qed jintużaw).

L-implimentazzjoni tal-miżura hija mistennija li tibda fit-tielet kwart tal-2021 u għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2026.

1.2.6 investment: Appoġġ għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva

L-isfida indirizzata minn din il-miżura hija wkoll id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, iżda tiffoka fuq il-ferroviji. Bħalissa qed jintużaw madwar 3 200 lokomottiv tad-diżil fit-trasport ferrovjarju tal-merkanzija; 60 % jistgħu jiġu kklassifikati bħala vetturi qodma ħafna b'emissjonijiet għoljin ta' CO₂. Din il-miżura għandha l-għan li tissostitwixxi dawn il-vetturi partikolarment qodma biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tas-CO₂ u s-sustanzi li jniġġsu l-arja (bħall-ossidi tan-nitroġenu u l-karbonju iswed).

Il-miżura tikkonsisti f'appoġġ finanzjarju għall-akkwist ta' vetturi ferrovjarji innovattivi (f'termini ta' sistema tal-motopropulsjoni) jew il-konverżjoni għal magni alternattivi b'iffrankar sinifikanti ta' CO₂ fuq linji mhux elettrifikati meta mqabbla ma' vetturi diżil konvenzjonali. L-applikazzjonijiet għandhom jingħataw prijorità abbażi tal-benefiċċji ambjentali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

1.2.7 investment: Il-promozzjoni tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport

Din il-miżura għandha l-għan li tikkontribwixxi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport b'rabta mal-komponent 1.1 Dekarbonizzazzjoni bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli b'mod partikolari. L-oġettiv huwa li tiġi appoġġata industrija tal-provvista kompetittiva għat-teknoloġija tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil. Dan jinkludi l-iffaċilitar tal-produzzjoni ta' komponenti taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-ittestjar serjali ta' komponenti u vetturi tal-idroġenu fil-Ġermanja.

Ċentru ġdid għat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni tal-Idroġenu għandu jiffoka fuq il-katina tal-valur tat-teknoloġija tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil għall-applikazzjonijiet tal-mobbiltà. Għandha tipprovdi wkoll faċilità ta' żvilupp, ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni, li ma tkunx tista' titwettaq mingħajr appoġġ pubbliku minħabba l-istadju bikri tas-suq u l-ispejjeż għoljin involuti. Il-miżura għandha tipprovdi wkoll opportunitajiet ta' finanzjament addizzjonali għall-industrija tal-vetturi u tal-provvista permezz tal-linji gwida ta' finanzjament eżistenti fil-

Programm Nazzjonali ta' Innovazzjoni għat-Teknoloġija tal-Idroġenu u taċ-Ċelloli tal-Fjuwil.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
22	1.2.1 appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament	Żewġ linji gwida ta' finanzjament ippubblikati fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q4	2021	Iż-żewġ linji gwida ta' finanzjament huma ppubblikati fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger), li jippermettu lill-organizzazzjonijiet/unitajiet domestiċi eliġibbli jissottomettu applikazzjonijiet lil: (1) "infrastruttura tal-iċċarġjar għal bini residenzjali" u (2) "infrastruttura tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi".
23	1.2.1 appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar	Mira	L-espansjoni tan-network pubbliku tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi	—	L-għadd ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku	0	50 000	Q4	2025	Mill-inqas 50 000 punt tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ġew iffinanzjati b'appoġġ mill-iskema ta' għotjiet operata mill-Ministeru Federali għad-Diġitali u t-Trasport (BMDV).
24	1.2.1 appoġġ għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-iċċarġjar	Mira	Espansjoni tal-punti tal-irriċarġjar f'bini residenzjali	—	Eluf ta' punti tal-irriċarġjar f'bini residenzjali	0	689	Q4	2023	Mill-inqas 689 000 punt tal-irriċarġjar ġew iffinanzjati permezz tal-iżborż ta' appoġġ finanzjarju mill-iskema ta' għotjiet operata mill-Ministeru Federali għad-Diġitali u t-Trasport (BMDV).
25	1.2.2 finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobbiltà	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament	Dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament ippubblikati fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q4	2020	Il-linji gwida dwar il-finanzjament li jkopru l-iżvilupp tal-flotot tal-vetturi elettroniċi muniċipali u kummerċjali u l-infrastruttura tal-iċċarġjar, kif ukoll il-kunċetti applikati relatati tar-R & D(kunċetti/disinji tal-elettromobbiltà) u l-kunċetti tal-mobbiltà elettronika ġew

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										ippubblikati fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger), li jippermettu lill-organizzazzjonijiet/unitajiet domestiċi eliġibbli jissottomettu applikazzjonijiet.
26	1.2.2 finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobbiltà	Mira	Impenn ta' fondi	—	F'miljuni ta' EUR	0	71.25	Q4	2022	Mill-EUR 75 000 000 allokati għall-miżura, ġew impenjati mill-inqas EUR 71 250 000.
27	1.2.2 finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobbiltà	Mira	L-espansjoni tal-flotot municijali u kummerċjali tal-elettromobbiltà	—	Għadd ta' vetturi elettroniċi	0	4 000	Q2	2024	Il-muniċipalitajiet, il-kumpaniji u organizzazzjonijiet eliġibbli oħra rċevew impenji ta' finanzjament għal mill-inqas 4 000 vettura elektronika bl-appoġġ tal-iskema tal-għotjiet.
28	1.2.2 finanzjament għall-iżvilupp tal-elettromobbiltà	Mira	Tlestija ta' disinji preliminari tal-elettromobbiltà	—	Għadd ta' disinji preliminari tal-elettromobbiltà kkompletati	0	80	Q2	2024	Tlestew mill-inqas 80 disinji preliminari tal-elettromobbiltà għall-muniċipalitajiet, il-kumpaniji jew organizzazzjonijiet eliġibbli oħra.
29	1.2.3 appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati	Mira	Appoġġ għax-xiri ta' 240 000 vettura elettrika	—	Għadd ta' vetturi elettroniċi mixtrija	0	240 000	Q1	2021	Ir-riċevituri rċevew appoġġ ta' għotja għax-xiri ta' total ta' 240 000 vettura elettrika abbażi tal-linji gwida ta' finanzjament emendati li daħlu fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2020.
30	1.2.3 appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta'	Mira	Appoġġ għax-xiri ta' 320 000 vettura elettrika oħra	—	Għadd ta' vetturi elettroniċi mixtrija	240 000	560 000	Q4	2022	Ir-riċevituri rċevew appoġġ ta' għotja għax-xiri ta' total (kumulattiv) ta' 560 000 vettura elettrika abbażi tal-linji gwida ta' finanzjament emendati li daħlu fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2020.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	vetturi privati									
30 A	1.2.3 appoġġ għas-sostituzzjoni tal-flotta ta' vetturi privati	Mira	Appoġġ għax-xiri ta' 399 450 vettura elettriċa	—	Għadd ta' vetturi elettroniċi mixtrija	0	399 450	Q1	2025	Flimkien max-xiri appoġġat skont il-miri 29 u 30, ġie żborżat appoġġ ta' għotja lir-riċevituri għax-xiri ta' 399 450 vettura elettriċa, (PHEV, BEV u FCEV) fuq il-bażi tal-linji gwida dwar il-finanzjament (BAnz 7.7.2020 B2) li daħlu fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2020 kif ukoll kull linja gwida u emenda sussegwenti għal daww il-linji gwida.
31	1.2.4 estensjoni tal-perijodu inizjali ta' reġistrazzjoni għall-għoti tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq għaxar snin għall-vetturi purament elettriċi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tas-Seba' Att dwar l-Emenda tat-Taxxa fuq il-Vetturi bil-Mutur	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tas-Seba' Att dwar l-Emenda tat-Taxxa fuq il-Vetturi bil-Mutur	—	—	—	Q4	2020	Daħlet fis-seħħ l-emenda għall-Att dwar it-Taxxa fuq il-Vetturi bil-Mutur biex jiġi estiż il-perjodu ta' reġistrazzjoni inizjali għall-vetturi elettroniċi biex tinkiseb l-eżenzjoni mit-taxxa ta' għaxar snin.
32	1.2.4 estensjoni tal-perijodu inizjali ta' reġistrazzjoni għall-għoti tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq għaxar snin	Stadju importanti	Evalwazzjoni tal-miżura	Il-miżura għandha tiġi evalwata ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha, fil-qafas previst fis-Seba' Att dwar l-Emenda tat-Taxxa fuq il-Vetturi bil-	—	—	—	Q1	2026	L-evalwazzjoni għandha teżamina jekk il-bażijiet tat-taxxa tal-vetturi humiex mistennija jkomplu jipprovdu inċentivi għal mobbiltà li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u lill-klima fil-futur. B'mod partikolari, id-data mill-amministrazzjoni doganali u mill-Awtorità Federali tat-Trasport bil-Mutur għandha tintuża għal dan l-għan (ara BT-Drs.19/20978 p. 16). L-evalwazzjoni għandha tiġi ppubblikata.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	għall-vetturi purament elettriċi			Mutur.						
33	1.2.5 appoġġ għax-xiri ta' karożżi tal-linja bi propulsjoni alternattiva	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar il-finanzjament	Pubblikazzjoni fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q3	2021	Il-linji gwida ta' finanzjament dwar l-iskema ta' appoġġ għax-xiri ta' xarabanks u kowċis għat-trasport tal-passiġġieri bi propulsjoni alternattiva ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger).
34	1.2.5 appoġġ għax-xiri ta' karożżi tal-linja bi propulsjoni alternattiva	Mira	Approvazzjoni tal-applikazzjonijiet	—	F'miljuni ta' EUR	0	1 031	Q3	2025	Mill-EUR 1 085 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 1 031 000 000 ta' proġetti ta' xiri ta' karożżi tal-linja ġew approvati, li jippermettu l-ordnijiet tax-xarabanks korrispondenti.
35	1.2.5 appoġġ għax-xiri ta' karożżi tal-linja bi propulsjoni alternattiva	Mira	Ordnijiet ta' karożżi tal-linja bi propulsjoni alternattiva	—	Numru ta' xarabanks ordnati	0	2 800	Q3	2026	Ġew ordnati mill-inqas 2 800 karożza tal-linja bi propulsjoni alternattiva b'appoġġ mill-iskema.
36	1.2.6 appoġġ għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament	Daħla fis-seħħ	—	—	—	Q1	2021	Il-linji gwida ta' finanzjament għall-iskema tal-għotjiet għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva dahl fuq fis-seħħ biex l-organizzazzjonijiet eliġibbli jkunu jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet.
37	1.2.6 appoġġ għall-promozzjoni	Mira	Approvazzjoni tal-applikazzjonijiet	—	F'miljuni ta' EUR	0	215.65	Q3	2024	Mill-EUR 227 000 000 allokati għall-miżura, ġew approvati mill-inqas EUR 215 650 000 ta' proġetti ta' xiri ferrovjarju, li jippermettu l-

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva									ordnijiet tal-vetturi ferrovjarji korrispondenti.
38	1.2.6 appoġġ għall-promozzjoni ta' propulsjoni ferrovjarja alternattiva	Mira	Ordni tal-vetturi ferrovjarji bi propulsjoni alternattiva	—	Numru ta' vetturi ferrovjarji ordnati	0	280	Q4	2024	Ġew ordnati mill-inqas 280 vettura ferrovjarja (lokomottivi) bi propulsjoni alternattiva (għad-diżil konvenzjonali), b'appoġġ mill-iskema, kif muri minn għotjiet vinkolanti mill-benefiċjarju ta' kuntratti għall-konsenja tal-vetturi mal-manifatturi.
39	1.2.7 promozzjoni tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-emenda li testendi l-linji gwida ta' appoġġ eżistenti (Förderichtlinien) tal-Programm Nazzjonali ta' Innovazzjoni Teknoloġika tal-Idroġenu u taċ-ċelloli tal-Fjuwil (NIP) (jew jekk ma jkunx kopert biżżejjed mil-linji gwida ta' appoġġ eżistenti, id-dħul fis-seħħ ta' linji gwida ġodda ta' appoġġ).	Pubblikazzjoni fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q4	2021	Il-linji gwida ta' finanzjament rilevanti fil-Programm Nazzjonali ta' Innovazzjoni Teknoloġika tal-Idroġenu u taċ-ċelloli tal-Fjuwil (NIP), li bħalissa huma limitati sat-30 ta' Ġunju 2021, ġew estiżi fiż-żmien u din l-estensjoni daħlet fis-seħħ. Jekk il-proġetti ppjanati taħt il-miżura ma jkunux koperti biżżejjed mil-linji gwida ta' appoġġ eżistenti, għandhom jiġu adottati linji gwida ta' appoġġ separati.
40	1.2.7 promozzjoni	Mira	Approvazzjoni ta' proġetti għall-	—	Għadd ta' proġetti	0	170	Q4	2025	Ġew approvati mill-inqas 170 proġett ta' R & Du ta' attivazzjoni tas-suq għall-applikazzjonijiet

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet et tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport		industrija tal-vetturi u tal-fornituri għall-applikazzjonijiet tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport		approvati					tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport, li jippermettu l-bidu tal-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati.
41	1.2.7 promozzjoni tal-industriji involuti fl-applikazzjonijiet et tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil fit-trasport	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' Ċentru tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għat-Teknoloġija tal-Idroġenu	Mill-inqas bidu parzjali tal-operazzjonijiet taċ-ċentru	—	—	—	Q3	2026	Iċ-Ċentru tat-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għandu jkun mill-inqas parzjalment operazzjonali, filwaqt li, pereżempju, ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jaf ma jkunux tlestew. It-tħaddim parzjali taċ-ċentru jiggarantixxi li jistgħu jiġu pprovduti s-servizzi ta' appoġġ reali lin-negozji u lill-partijiet ikkonċernati.

C. KOMPONENT 1.3: Rinnovazzjoni u kostruzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni enerġetika b'enfasi fuq ir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

Fis-settur tal-bini, il-Ġermanja għandha l-għan li tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ b'madwar 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli attwali (120 miljun tonnallata ta' ekwivalenti ta' CO₂ fl-2020). Sal-2050, il-Ġermanja għandha l-għan li tikseb emissjonijiet netti zero tal-gassijiet serra, inkluż għall-istokk tal-bini fil-Ġermanja. Fl-istess ħin, għandu jiġi żgurat li l-kostruzzjoni u l-akkomodazzjoni jibqgħu affordabbli.

Il-komponent tal-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni li ma jagħmilx ħsara lill-klima għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-oġettivi billi jżid l-effiċjenza enerġetika u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija għat-tiġn u t-tkessi fil-bini. Il-miżuri ta' akkumpanjament għas-settur tal-kostruzzjoni bl-injam lejn id-diġitalizzazzjoni, iċ-ċirkolarità u l-prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-klima għandhom jitwettqu wkoll peress li l-injam huwa identifikat bħala li għandu l-potenzjal li jikkostitwixxi materjal tal-bini li ma jagħmilx ħsara lill-klima u effiċjenti fir-riżorsi, kif ukoll li jwassal għal metodi ta' kostruzzjoni u rinnovazzjoni kosteffettivi u effiċjenti fil-ħin.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari sistemi tal-enerġija nodfa, effiċjenti u integrati u, indirettament, biex l-akkomodazzjoni ssir aktar affordabbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

1.3.1 investment: Programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' kostruzzjoni bl-injam li ma jagħmilx ħsara lill-klima

L-oġettiv ta' dan l-investment huwa li jaċċellera l-iżvilupp, l-użu u d-diffużjoni ta' teknoloġiji, proċessi, prodotti u servizzi innovattivi (trasformazzjoni diġitali) biex jiżied l-użu tal-injam bħala materjal tal-bini li ma jagħmilx ħsara lill-klima. Il-miżura hija maħsuba wkoll biex tgħin biex jingħelbu l-iżvantaġġi u l-ostakli strutturali sabiex tkun tista' tiġi stabbilita l-kostruzzjoni bl-injam fuq l-istess livell fil-kostruzzjoni fuq skala kbira u b'ħafna sulari. Sabiex tingħeleb l-isfida tat-trasferiment tal-għarfien, l-innovazzjoni u t-teknoloġija bejn ir-riċerka u l-prattika, il-miżura għandha l-għan ukoll li ttejjeb in-netwerking bejn in-negozji, l-akkademja u l-istituzzjonijiet tar-riċerka relatati mal-kostruzzjoni li ma tagħmilx ħsara lill-klima bl-injam.

Għal dak l-għan, il-miżura għandha tiffoka l-appoġġ fuq is-servizzi ta' konsulenza (analiżi, evalwazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet) diretti lejn iż-żieda fl-użu tal-injam (koniferu/deċiduż) u relatati mad-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni tas-servizzi u tan-negożju, l-ottimizzazzjoni tan-negożju, u r-riċiklabbiltà tal-prodotti għall-bini. Il-miżura għandha tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' raggruppamenti ta' innovazzjoni relatati mal-innovazzjoni u l-iżvilupp ta' kostruzzjoni bl-injam li ma jagħmilx ħsara lill-klima. Minħabba l-istruttura tas-settur, il-SMEs għandhom l-għan li jkunu l-benefiċjarji ewlenin tal-appoġġ.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021. Dan jikkorrispondi għall-perjodu li matulu s-sidien tal-proġetti jistgħu japplikaw għall-appoġġ.

1.3.2 investment: Laboratorji ħajjin muniċipali għat-tranżizzjoni tal-enerġija

Laboratorji ħajjin muniċipali għat-tranżizzjoni tal-enerġija jesploraw u juru soluzzjonijiet innovattivi għall-provvista tal-enerġija effiċjenti u sostenibbli ta' viċinati urbani. L-innovazzjonijiet teknoloġiċi u mhux tekniċi jiġu ttestjati f'ambjent reali, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp tat-teknoloġija u l-penetrazzjoni tas-suq, filwaqt li jservu bħala pjan għall-introduzzjoni sussegwenti fuq skala kbira ta' soluzzjonijiet integrati.

Il-laboratorji ħajjin (inkluża din il-miżura) huma waħda mill-miżuri ta' akkoppjament tas-settur tal-Pjan Nazzjonali Ġermaniż għall-Enerġija u l-Klima (NECP).

Għandhom jiġu implimentati mill-inqas erba' proġetti konġunti ta' laboratorji ħajjin, li jkopru mill-inqas 10 viċinata urbana.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

1.3.3 investment: Rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija

Din il-miżura ta' investment tiffoka fuq l-appoġġ għar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini residenzjali. Dan jikkonsisti f'żewġ fergħat iffukati fuq i) programmi sħaħ ta' rinnovazzjoni u ii) miżuri individwali.

L-ewwel fergħa tal-miżura għandha tikseb, bħala medja, mill-inqas rinnovazzjoni ta' livell medju kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-Rinnovazzjoni tal-Bini.⁴ B'mod aktar speċifiku, minħabba l-istat attwali tal-istokk tad-djar u r-rekwiżit minimu biex jinkiseb appoġġ skont il-miżura (il-bini rinnovat irid jikseb mill-inqas il-Klassi tal-Enerġija 100) dan għandu l-għan li jikseb medja ta' minimu ta' 45 % tal-iffrankar tad-domanda għall-enerġija primarja u potenzjalment ferm aktar (iffrankar ta' 70 %) permezz ta' bonusijiet għall-enerġija rinnovabbli u klassijiet aħjar tal-effiċjenza enerġetika.

It-tieni fergħa għandha tappoġġa miżuri individwali. Din il-fergħa għandha tiffoka fuq l-appoġġ għar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' bini residenzjali għall-miżuri individwali li ġejjin: l-involukru tal-bini, it-teknoloġija tas-sistemi

⁴ ĠU L 127, 16.5.2019, p. 34–79

(mingħajr tisħin), il-kollekturi solari, is-sistemi tat-tisħin bil-bijomassa, il-pompi tas-sħana elettriċi u l-kombinazzjoni ta' dawn il-kategoriji. Barra minn hekk, l-appoġġ għandu jestendi għal bonus ta' finanzjament ta' 10 % għall-iskambju ta' bojlers li jaħdmu tat-tisħin u tal-gass ibbażati fuq iż-żejt/il-faħam li għandhom aktar minn 20 sena għall-oġġetti tat-tisħin imsemmija hawn fuq. L-interventi mhux appoġġati taħt il-miżura għandhom ikunu s-sostituzzjoni tat-tisħin ibbażat fuq il-faħam/iż-żejt b'bojlers tal-gass ibridu jew b'kondensazzjoni tal-gass, u l-konnessjoni man-networks tat-tisħin distrettwali.

L-implimentazzjoni tal-miżura skont il-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza hija mistennija li tibda sal-1 ta' Jannar 2021 u għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026. Barra minn hekk, il-Ġermanja qed tippjana li ttawwal il-miżura lil hinn mill-2026 b'finanzjament mill-baġit nazzjonali tagħha.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
42	1.3.1 programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' settur tal-konstruzzjoni bl-injam li ma jagħmilx ħsara lill-klima	Stadju importanti	Linji gwida ta' finanzjament dwar il-promozzjoni ta' kostruzzjoni tal-injam li ma tagħmilx ħsara lill-klima	Pubblikazzjoni fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger) u dħul fis-seħħ tal-linji gwida dwar il-finanzjament	—	—	—	Q1	2021	Il-linji gwida ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger), li tippermetti lill-kumpaniji u lill-organizzazzjonijiet eliġibbli japplikaw għall-finanzjament.
43	1.3.1 programm ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' settur tal-konstruzzjoni bl-injam li ma jagħmilx ħsara lill-klima	Mira	Approvazzjoni ta' proġetti relatati mal-iżvilupp ta' kostruzzjoni tal-injam li ma tagħmilx ħsara lill-klima	—	Għadd ta' proġetti approvati	0	17	Q2	2022	Ġew approvati mill-inqas 17 proġett, li jippermettu lir-riċevituri jibdew l-implimentazzjoni tagħhom.
44	1.3.2 laboratorju ħaj municipli għat-tranżizzjoni tal-enerġija	Mira	Approvazzjoni ta' proġetti ta' "laboratorji ħajjin"	—	Għadd ta' proġetti approvati	0	4	Q4	2023	Mill-inqas erba' proġetti konġunti ta' laboratorji ħajjin ġew approvati permezz ta' deċiżjoni ta' għotja, li tippermetti l-bidu tal-implimentazzjoni tagħhom.
45	1.3.2 laboratorju ħaj municipli għat-tranżizzjoni tal-	Mira	Tlestija ta' proġetti tal-viċinat urban	—	Għadd	0	10	Q1	2026	Installazzjonijiet innovattivi għal provvista effiċjenti u sostenibbli tal-enerġija ġew ittestjati u huma

	enerġija									operattivi f' 10 viċinata urbana. L-10 proġett tal-viċinat implimentati b'mod ċar jiksbu tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja meta mqabbla mal-provvista tal-enerġija konvenzjonali għall-bini, u b'hekk jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni fis-settur tal-bini.
46	1.3.3 rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija	Stadju importanti	Linji gwida ta' finanzjament għall-appoġġ ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini	Pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar il-finanzjament fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q3	2021	Il-linji gwida ġew ippubblikati, li jippermettu lill-unitajiet domestiċi u lill-organizzazzjonijiet eliġibbli japplikaw għall-finanzjament.
47	1.3.3 rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija	Mira	It-tlestija ta' rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' 10 000 unità residenzjali.	—	Għadd ta' unitajiet residenzjali rinnovati	0	10 000	Q4	2024	Mill-inqas 10 000 unità ta' akkomodazzjoni ġew rinnovati taħt l-iskema ta' appoġġ; ix-xogħlijiet korrispondenti twettqu bis-sħiħ u l-għotjiet korrispondenti ġew żborżati.
48	1.3.3 rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija	Mira	Tlestija ta' rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija ta' 30 000 unità ta' abitazzjoni oħra	—	Għadd	10 000	40 000	Q2	2026	Mill-inqas 40 000 unità ta' akkomodazzjoni ġew rinnovati taħt l-iskema ta' appoġġ; ix-xogħlijiet korrispondenti twettqu bis-sħiħ u l-għotjiet korrispondenti ġew żborżati.
48 A	1.3.3 rinnovazzjoni tal-bini: finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija	Mira	Mira interim għal miżuri ta' rinnovazzjoni individwali kkompletati għal bini effiċjenti fl-enerġija		Miżuri ta' rinnovazzjoni individwali kkompletati	0	55 000	Q4	2024	Tlestew mill-inqas 55 000 miżura individwali ta' rinnovazzjoni.
48 B	1.3.3 rinnovazzjoni tal-bini:	Mira	Mira finali għal miżuri ta'		Miżuri ta' rinnovazzjoni	55 000	145 000	Q2	2026	B'kollox tlestew mill-inqas 145 000 miżura individwali ta' rinnovazzjoni.

	finanzjament federali għal bini effiċjenti fl-enerġija		rinnovazzjoni individwali kkompletati għal bini effiċjenti fl- enerġija		individwali kkompletati					
--	--	--	---	--	----------------------------	--	--	--	--	--

D. IL-KOMPONENT 2.1: Id-data bħala l-materja prima tal-futur

L-oġġettivi ta' dan il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza huma li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija tad-data sigura u dinamika permezz tal-promozzjoni ta' innovazzjoni xprunata mid-data fil-kuntest tal-istrateġija għad-data adottata⁵ mill-gvern federali Ġermaniż fis-27 ta' Jannar 2021, kif ukoll permezz ta' investimenti fir-riċerka, l-iżvilupp, l-innovazzjoni u l-ewwel skjeramenti industrijali f'oqsma teknoloġiċi strateġiċi marbuta mal-ipproċessar tad-data (mikroelettronika u infrastrutturi u servizzi tal-cloud tal-ġenerazzjoni li jmiss) fil-kuntest ta' inizjattivi kbar li jinvolve diversi pajjiżi.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma tal-2.1.1: Politika innovattiva dwar id-data għall-Ġermanja

L-oġġettivi tal-miżura huma li trawwem il-kondiviżjoni u l-użu innovattiv tad-data. B'mod partikolari għandha l-għan li tindirizza n-nuqqas ta' infrastrutturi, il-litteriżmu fid-data, l-inċentivi għall-kondiviżjoni tad-data u l-inċentivi għall-investment fl-ekonomija tad-data.

L-investment jikkonsisti fl-appoġġ ta' proġetti, magħżula prinċipalment permezz ta' sejħiet għal proposti, li jkopru l-attivitajiet li ġejjin:

- networks u riċerka u żvilupp ta' softwer għall-computing ta' prestazzjoni għolja;
- proġetti pilota/każijiet ta' użu/laboratorji reali ("ambjenti ta' esperimentazzjoni tad-data regolatorja") għall-ittestjar u l-monitoraġġ xjentifiku ta' mudelli ta' diffużjoni tad-data;
- network ta' riċerka ta' sitt laboratorji haġġin li jinvestigaw id-depersonalizzazzjoni tad-data f'ċerti oqsma ta' applikazzjoni bħall-kura tas-saħħa, is-settur awtomobilistiku, il-bejgħ bl-imnut u l-manifattura;
- proġetti ta' riċerka dwar teknoloġiji għall-anonimizzazzjoni tad-data;
- azzjonijiet li għandhom l-għan li jiżviluppaw il-litteriżmu fid-data f'oqsma differenti tax-xjenza (inklużi dawk li huma inqas intensivi fid-data);
- laboratorji tax-xjenza tad-data marbuta mal-infrastruttura nazzjonali tad-data tar-riċerka;

⁵ Ara <https://www.bundesregierung.de/breg-de/suche/datenstrategie-der-bundesregierung-1845632>

- appoġġ għar-riċerkaturi żgħażaġh fix-xjenza tad-data;
- appoġġ lill-universitajiet fl-użu mill-ġdid, il-kondiviżjoni u l-ġestjoni tad-data tar-riċerka;
- il-monitoraġġ tal-ħiliet tad-data tal-popolazzjoni Ġermaniża;
- korsijiet ta' litteriżmu fid-data għall-istudenti u għal studenti oħra;
- ir-riċerka u l-innovazzjoni dwar l-arkitekturi, l-istituzzjonijiet u l-ispace għas-soċjetà tad-data;
- l-iżvilupp ta' sett ta' għodod disponibbli bla ħlas għal aktar litteriżmu fid-data; u għal
- proġett pilota dwar il-kooperazzjoni tad-data fil-katina tal-valur tal-ikel.

Għandu jiġi appoġġat ukoll sett speċifiku ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jtejjbu l-litteriżmu fid-data u l-użu tad-data fl-amministrazzjoni federali. Dawn għandhom jinkludu:

- ir-rendikont u l-analiżi tal-miżuri li diġà ttieħdu biex jiżied il-litteriżmu fid-data;
- l-immappjar tal-kompetenza tad-data fis-servizzi kollha tal-amministrazzjoni pubblika;
- il-ħolqien ta' Xjentisti Ewlenin tad-Data jew rwoli simili fil-ministeri federali;
- l-istabbiliment u t-tisħiħ ta' laboratorji tad-data interna u ċentri ta' kompetenza tad-data fil-ministeri u l-aġenziji federali, inkluż b'mod partikolari l-Uffiċċju tal-Affarjiet Barranin, il-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka, l-Aġenzija Federali għall-Ambjent, il-Ministeru Federali għad-Difiża, il-Ministeru Federali għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, l-Istitut Federali għas-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali, il-Korporazzjoni Ġermaniża għall-Kooperazzjoni Internazzjonali; u għal
- il-ħolqien ta' akkademja diġitali fl-Akkademja Federali għall-Amministrazzjoni Pubblika, li tiġbor flimkien l-opportunitajiet kollha ta' taħriġ biex tappoġġa d-diġitalizzazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

2.1.2 investiment: IPCEI Mikroelektronika u Teknoloġiji tal-Komunikazzjoni

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għal inizjattiva transfruntiera li għandha l-għan li tagħti lill-Unjoni Ewropea kapaciċitajiet fid-disinn u l-użu tal-elettronika tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' proċessuri fdati b'potenza baxxa u komponenti elettroniċi oħra.

L-inizjattiva għandha tiġi implimentata permezz ta' Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) ippjanat.⁶

⁶ L-IPCEIs huma soġġetti għar-reqwizit ta' notifika u l-obbligu ta' waqfien totali fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għażla u l-ispeċifikitajiet tal-proġetti individwali jistgħu għalhekk jeħtieġu aġġustamenti biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli dwar l-

L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ lill-parteċipanti Ġermaniżi fi proġetti li għandhom jiġu implimentati bħala parti mill-IPCEI ppjanat.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

2.1.3 investiment: IPCEI Infrastruttura u Servizi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI CIS)

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tikkontribwixxi għal inizjattiva transfruntiera fuq skala kbira li għandha l-għan li trawwem l-iżvilupp u l-ewwel varar industrijali ta' soluzzjonijiet ta' cloud u edge intelliġenti li huma innovattivi ħafna, kompletament interoperabbli, siguri ħafna, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u konformi bis-sħiħ mal-protezzjoni tad-data.

L-inizjattiva għandha tiġi implimentata permezz ta' IPCEI ppjanat.

L-investiment jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju lill-parteċipanti Ġermaniżi fi proġetti li għandhom jiġu implimentati bħala parti mill-IPCEI ppjanat.

Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li aktar minn 50 % ta' dawn il-proġetti jindirizzaw l-effiċjenza enerġetika bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħhom u jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentri tad-Data.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

għajnuna mill-Istat. Huma biss il-proġetti approvati b'deċiżjoni tal-Kummissjoni skont ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat li jistgħu jirċievu għajnuna mill-Istat.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
49	2.1.1 politika innovattiva dwar id-data għall-Ġermanja	Stadju importanti	Bidu tal-proġetti	Bidu tal-proġetti kollha	—	—	—	Q4	2022	Il-proġetti u l-attivitajiet kollha tal-miżura bdew. Kull fejn rilevanti, il-proċeduri tal-għażla tlestew u l-proġetti magħżula bdew.
50	2.1.1 politika innovattiva dwar id-data għall-Ġermanja	Mira	Żvilupp ta' riżorsi umani u kapaċitajiet fil-ministeri federali	—	Perċentwal ta' ministeri federali b'unitajiet tad-data u laboratorji tad-data interna	0	95	Q3	2026	Mill-inqas 95 % tal-ministeri federali stabbilixxew unità tax-Xjenzjati Ewlenin tad-Data jew ekwivalenti u laboratorju intern tad-data
51	2.1.1 politika innovattiva dwar id-data għall-Ġermanja	Mira	Eżekuzzjoni tal-baġit — żborż ta' mill-inqas EUR 464 400 000 għall-proġetti appoġġati	—	F'miljuni ta' EUR	0	464.4	Q3	2026	Mill-EUR 516 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 464 400 000 ġew żborżati għal proġetti u attivitajiet previsti.
52	2.1.2 mikroelettronika u Konnettività tal-IPCEI	Stadju importanti	Disinn tal-kontenut tal-IPCEI ppjanat	Tlestija tal-proċess nazzjonali ta' sejħa għal espressjoni ta' interess biex jiġu identifikati proġetti fil-	—	—	—	Q2	2021	Il-proċedura ta' espressjoni ta' interess tlestiet. Ġew identifikati proġetti potenzjali u parteċipanti ta' proġetti fil-Ġermanja.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				Ġermanja						
53	2.1.2 mikroelettronika u Konnettività tal-IPCEI	Mira	Tnedija tal-ewwel proġetti	—	Numru ta' proġetti	0	10	Q4	2022	Ġew iffirmati għaxar deċiżjonijiet ta' għotja.
54	2.1.2 mikroelettronika u Konnettività tal-IPCEI	Mira	Eżekuzzjoni tal-baġit — żborż ta' mill-inqas EUR 1 275 000 000 għall-proġetti appoġġati	—	F'miljuni ta' EUR	0	1 275	Q3	2026	Mill-EUR 1 500 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 1 425 000 000 ġew impenjati (permezz ta' firem ta' deċiżjonijiet ta' għotja) u mill-inqas EUR 1 275 000 000 ġew żborżati għal proġetti.
55	2.1.3 IPCEI Infrastruttura u Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI CIS)	Stadju importanti	Tnedija ta' proġetti R & DI	L-iffirmar ta' deċiżjonijiet ta' għotja għal proġetti R & DI	—	—	—	Q4	2022	Id-deċiżjonijiet ta' għotja ġew iffirmati għall-proġetti kollha ta' R & I koperti mid-deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat tal-IPCEI. Il-kriterji tal-għażla żguraw li aktar minn 50 % ta' dawn il-proġetti jindirizzaw l-effiċjenza enerġetika bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħhom u jikkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentri tad-Data.
56	2.1.3 IPCEI Infrastruttura u Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI CIS)	Stadju importanti	Tnedija tal-fażi pilota tal-każijiet ta' użu	Pubblikazzjoni ta' rapport dwar is-sitwazzjoni attwali tal-proġetti	—	—	—	Q4	2024	Ġie ppubblikat rapport dwar is-sitwazzjoni attwali tal-inizjattiva.
57	2.1.3 IPCEI Infrastruttura u Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni	Mira	L-ewwel użu industrijali ta' soluzzjonijiet żviluppati taħt il-	—	L-għadd ta' każijiet ta' użu indirizzati fi	0	1	Q3	2026	Mill-inqas wieħed mill-każijiet ta' użu indirizzati fil-fażi pilota fuq skala kbira għandu jkun ġie soġġett għall-ewwel użu industrijali.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	li Jmiss (IPCEI CIS)		miżura.		proġetti pilota fuq skala kbira li eventwalment jiġu indirizzati fl-ewwel skjeramenti industrijali					
58	2.1.3 IPCEI Infrastruttura u Servizzi tal-Cloud tal-Ġenerazzjoni li Jmiss (IPCEI CIS)	Mira	Eżekuzzjoni tal-baġit — żborż ta' mill-inqas EUR 637 500 000 għall-proġetti appoġġati	—	F'miljuni ta' EUR	0	637.5	Q3	2026	Mill-EUR 750 000 000 allokati għall-miżura, mill-inqas EUR 712 500 000 ġew impenjati (permezz ta' firem ta' deċiżjonijiet ta' għotja) u mill-inqas EUR 637 500 000 ġew żborżati għal proġetti. Aktar minn 50 % tal-proġetti ffinanzjati indirizzaw l-effiċjenza enerġetika bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tagħhom u kkonformaw mal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew dwar l-Effiċjenza Enerġetika taċ-Ċentri tad-Data.

E. IL-KOMPONENT 2.2: Id-diġitalizzazzjoni tal-Ekonomija

L-oġġettivi tal-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza huma li jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali tal-ekonomija Ġermaniża u l-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-komponent jindirizza aspetti essenzjali bħar-riċerka u l-innovazzjoni dwar it-teknoloġiji diġitali, u l-ħiliet. Għandha wkoll l-għan li tipprovdi appoġġ speċifiku għas-setturi awtomobilistiċi u ferrovjarji.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-investment fit-tranżizzjoni diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

2.2.1 investment: Programm ta' investment fl-industrija tal-manifattura/tal-forniment tal-vetturi

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tipprovdi appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika tal-industrija awtomobilistika, fil-kuntest ta' programm li għandu l-għan li jappoġġa investimenti orjentati lejn il-futur mill-manifatturi tal-vetturi u mill-industrija tal-provvista.⁷

L-investment jikkonsisti fil-finanzjament ta' proġetti li għandhom jintgħażlu permezz ta' erba' sejħiet għal proposti li jikkorrispondu għal tliet moduli u li jindirizzaw:

- modulu (a):
 - investimenti fis-settur tal-vetturi, li jappoġġaw b'mod partikolari proġetti ta' investment orjentati lejn il-futur minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-industrija tal-vetturi, bl-għan li l-proċessi tal-produzzjoni jsiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u diġitali; u għal
 - appoġġ għal proġetti ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni u l-industrija 4.0 fl-industrija tal-vetturi.
- modulu (b):
 - appoġġ għal proġetti ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tas-sewqan awtomatizzat, sistemi tal-motopropulsjoni innovattivi u bini tad-dawl fit-teknoloġiji tal-vetturi.
- modulu (c):

⁷ <https://www.bmwi.de/Redaktion/DE/Textsammlungen/Industrie/zukunftsinvestitionen-fahrzeughersteller-zulieferindustrie.html>

- appoġġ għal raggruppamenti ta' innovazzjoni reġionali għat-trasformazzjoni tal-industrija tal-vetturi, li jindirizzaw b'mod partikolari l-industrija tal-provvista u jiffokaw fuq it-trasferiment tat-teknoloġija bejn l-intrapriżi minn reġjuni affettwati b'mod partikolari mill-bidla strutturali, it-tranżizzjoni lejn propulsjoni newtrali għall-klima u d-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni tal-industrija.

Għandhom jiġu appoġġati biss l-investimenti futuri li jagħtu kontribut sinifikanti għall-oġettivi tad-diġitalizzazzjoni u tal-klima tal-programm inniedi mill-Ġermanja biex jiġu appoġġati investimenti orjentati lejn il-futur mill-manifatturi tal-vetturi u mill-industrija tal-provvista. Għalhekk, skont il-miżura ma għandu jiġi pprovdut l-ebda appoġġ immirat għat-teknoloġiji tal-magni b'kombustjoni fossili fis-settur tal-vetturi.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Ir-riforma tal-2.2.2: Programm Federali "Il-bini ta' networks tal-edukazzjoni u t-taħriġ kontinwi (networks CET)"

L-oġettiv tal-miżura huwa li tappoġġa l-hekk imsejħa "networks CET", li jippromwovu l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' taħriġ, għall-impjegati tal-SMEs b'mod partikolari. B'mod aktar speċifiku, l-għan huwa li jiġi appoġġat l-istabbiliment jew l-iżvilupp ta' networks ta' żvilupp professjonali, sabiex il-kumpaniji, fost affarijiet oħra, ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-esperjenza ta' kumpaniji oħra u ta' ċentri u istituzzjonijiet edukattivi u konsultattivi, u b'hekk jiżviluppaw l-iżvilupp strateġiku tal-persunal u l-ippjanar tat-taħriġ tagħhom stess. Dawn l- "alleanzi tal-ħiliet" għandhom jippermettu wkoll lill-fornituri tat-taħriġ parteċipanti jadattaw l-offerta tagħhom.

L-investment jikkonsisti fl-appoġġ ta' madwar 40 proġett pilota, magħżula permezz ta' waħda mis-sejħiet għal proposti organizzati taħt il-programmi federali "Bini ta' networks CET".

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

2.2.3 investment: Iċ-Ċentru tar-Riċerka dwar id-Diġitalizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr (dtec.bw)

L-oġettiv tal-miżura huwa li tappoġġa attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni dwar oqsma teknoloġiċi strateġiċi għall-futur, sabiex tikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sovranià diġitali u teknoloġika Ġermaniża u Ewropea.

L-investment jikkonsisti fl-appoġġ ta' attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni mmexxija miċ-Ċentru ta' Riċerka dwar id-Diġitalizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr (dtec.bw).

Il-proġetti ta' riċerka korrispondenti għandhom jiffukaw fuq oqsma diġitali u teknoloġiji ewlenin għall-futur, f'konformità mal-prijoritajiet tal-istrateġija tat-teknoloġija avvanzata tal-gvern federali ("Sostenibbiltà", "Protezzjoni Klimatika u Enerġija", "Mobilità", "Sigurtà" u "Ekonomija u Xogħol 4.0"):

- Riċerka spazjali, inġinerija ajruspazjali u komunikazzjonijiet spazjali;

- It-teknoloġija tas-sensuri u s-sistemi integrati tas-sensuri;
- Mobbiltà innovattiva u konnessa;
- Iċ-ċibersigurtà, inklużi l-komunikazzjonijiet kwantistiċi;
- Riċerka dwar ir-riskju, l-infrastrutturi kritiċi, is-sigurtà u l-kunflitt;
- It-teknoloġiji, il-metodi u l-impatti tad-diġitalizzazzjoni (eż. il-manifattura addittiva);
- Id-diġitalizzazzjoni tas-setturi tal-enerġija u tal-produzzjoni, l-iżvilupp tal-infrastruttura sostenibbli;
- L-intelliġenza Artifiċjali, ir-robotika u s-sistemi fiżiċi intelliġenti; u għal
- Ħiliet għad-dinja diġitali tax-xogħol u mudelli ta' tmexxija tal-futur.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

2.2.4 investment: Il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji billi jiġu sostitwiti programmi konvenzjonali interkonnessi/rapidi biex titħaffef l-introduzzjoni tal- "Digital Rail Germany" (SLP)

L-oġettiv tal-miżura huwa li tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji fil-kuntest tal-inizjattiva "Digital Rail Germany" u l-programm "fast track" li għandu l-għan li jaċċelleraha. Din l-inizjattiva tiġbor il-partijiet ikkonċernati pubbliċi u privati (inkluża l-Awtorità Federali tal-Ferroviji (EBA), l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tekniċi u l-industrija, fost l-oħrajn) sabiex jiġu żviluppati komponenti standardizzati, interoperabbli u modulari għad-diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet ferrovjarji.

L-investment jikkonsisti fil-finanzjament ta' seba' proġetti pilota tal-programm, li għandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet biex jissostitwixxu l-kaxxi tas-sinjali qodma u s-sistemi ta' protezzjoni tal-passaġġi invell b'sistemi ta' sigurtà tal-aħħar ġenerazzjoni diġitali.

Erbgħa minn dawn il-proġetti għandhom jippermettu lid-ditti stabbiliti jiċċertifikaw soluzzjonijiet ġodda f'kuntest operazzjonali, filwaqt li t-tlieta l-oħra għandhom jippermettu lill-fornituri addizzjonali jivvalidaw is-soluzzjonijiet tagħhom fit-testijiet tal-laboratorju. Is-soluzzjonijiet il-ġodda żviluppati minn dawn il-proġetti għandhom ikunu kompatibbli mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-programm "Digital Rail Germany". Għandhom ukoll l-għan li jkunu jistgħu jiġu aġġornati u kompatibbli ma' titjib sussegwenti tal-ETCS (Sistema Ewropea għall-Kontroll tal-Ferroviji) permezz ta' interfaċċi uniformi tas-sistema.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
59	2.2.1 programm ta' investiment għall-manifatturi/fornituri tal-vetturi	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-linji gwida kollha dwar il-finanzjament	Pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar il-finanzjament fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q1	2021	Il-linji gwida kollha ta' finanzjament għall-erba' tipi ta' miżuri ta' appoġġ taħt il-programm ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger) u saru legalment vinkolanti.
60	2.2.1 programm ta' investiment għall-manifatturi/fornituri tal-vetturi	Mira	L-approvazzjoni ta' proġetti.	—	Għadd ta' proġetti approvati	0	401	Q1	2023	Mill-inqas 401 proġett ta' finanzjament (għat-tliet moduli) ġew approvati u rċevew deċiżjoni ta' appoġġ għall-implimentazzjoni.
61	2.2.1 programm ta' investiment għall-manifatturi/fornituri tal-vetturi	Mira	Tlestija b'suċċess tal-proġetti	—	Għadd ta' proġetti li tlestew b'suċċess	0	531	Q3	2026	Mill-inqas 531 proġett ta' finanzjament approvati bejn l-2021 u l-2026 tlestew b'suċċess.
62	Il-programm Federali tat-2.2.2 "Il-bini ta' aktar networks CET"	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar il-finanzjament	Pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar il-finanzjament fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q2	2020	Il-linji gwida dwar il-finanzjament ġew ippubblikati fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger) u saru legalment vinkolanti.
63	Il-programm Federali tat-2.2.2 "Il-bini ta' aktar networks CET"	Mira	Parteċipazzjoni attiva ta' intrapriżi addizzjonali fin-networks tas-CET	—	Numru ta' intrapriżi addizzjonali li jipparteċipaw fin-	0	200	Q4	2022	Mill-inqas 200 intrapriża addizzjonali jipparteċipaw f'networks tas-CET. Dawn il-kumpaniji jipparteċipaw fil-għir tal-ħtiġijiet ta' taħriġ, it-tfassil ta' miżuri jew moduli ġodda ta' taħriġ u l-użu ta' miżuri jew moduli ta' taħriġ proposti flimkien ma' kumpaniji

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
					networks tas-CET					oħra (l-użu ta' informazzjoni u l-parteċipazzjoni f'avvenimenti biss ma għandhomx jitqiesu bħala parteċipazzjoni attiva). Għal din il-mira għandhom jitqiesu biss il-kumpaniji li ma jkunux diġà nħatru bħala sħab fil-kooperazzjoni fil-bidu tal-alleanza tal-ħiliet rispettiva.
64	Il-programm Federali tat-2.2.2 "Il-bini ta' aktar networks CET"	Mira	Reviżjoni jew tfassil mill-ġdid ta' miżuri ta' taħriġ jew submoduli bħala riżultat tal-ħidma tan-networks tas-CET	—	Għadd ta' miżuri ta' taħriġ riveduti jew imfassla mill-ġdid	0	60	Q4	2024	Mill-inqas 60 miżura jew submodulu ta' taħriġ tfasslu mill-ġdid jew ġew riveduti, filwaqt li tqiesu l-ħiliet diġitali, li nbdeu jew ġew imħeġġa min-networks tas-CET jew li jqisu r-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet imwettqa mill-korpi ta' koordinazzjoni tan-networks tas-CET.
65	2.2.3 ċentru tar-Riċerka dwar id-Diġitizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr	Mira	Tnedija ta' proġetti ta' riċerka	—	Numru ta' proġetti	0	68	Q1	2021	Ġew iffirmati mill-inqas 68 għotja ta' finanzjament u t-68 proġett korrispondenti rċewew finanzjament u jistgħu jibdeu l-attività ta' riċerka tagħhom.
66	2.2.3 ċentru tar-Riċerka dwar id-Diġitizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr	Stadju importanti	Rapport dwar ir-riżultati tar-riċerka u t-trasferiment	Pubblikazzjoni ta' rapport lill-Ministeru Federali tad-Difiża li jikkonferma l-progress b'suċċess tal-proġetti	—	—	—	Q4	2023	Ġie ppubblikat rapport lill-Ministeru Federali tad-Difiża, li jikkonferma l-progress tal-proġetti ffinanzjati f'termini tar-riżultati tar-riċerka, il-kooperazzjoni, it-trasferiment tal-għarfien u t-trasferiment tat-teknoloġija b'mill-inqas (b'mod ġenerali): - 200 pubblikazzjoni; - 70 kollaborazzjoni mibdija ma' istituti oħra ta' riċerka; - 30 kollaborazzjoni mibdija ma'

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										kumpaniji industrijali u negozji ġodda; - 15 kollaborazzjoni mibdija ma' aġenziji tal-Forzi Armati Federali u l-amministrazzjoni pubblika; - 10 prototip ta' teknoloġiji maturi; u għal - 10 applikazzjoni għal privattivi. Barra minn hekk, ġiet ippubblikata wkoll evalwazzjoni esterna tal-miżura mill-Kunsill tax-Xjenza Ġermaniż.
67	2.2.3 ċentru tar-Riċerka dwar id-Diġitizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr	Mira	Kontinwazzjoni tal-proġetti	—	Għadd ta' proġetti vvalutati bħala li qed javvanzaw b'mod sodisfaċenti	0	40	Q2	2024	Fuq il-bażi ta' evalwazzjoni interim, mill-inqas 40 proġett jitqiesu bħala li qed javvanzaw b'mod sodisfaċenti u jistgħu jkomplu l-attivitajiet tagħhom.
68	2.2.3 ċentru tar-Riċerka dwar id-Diġitizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr	Mira	Eżekuzzjoni tal-baġit — żborż ta' EUR 700 000 000 għall-appoġġ	—	Fondi mħallsa lill-proġetti	0	700	Q3	2026	Mill-inqas EUR 700 000 000 ġew żborżati għal proġetti appoġġati permezz tal-miżura.
69	2.2.3 ċentru tar-Riċerka dwar id-Diġitizzazzjoni u t-Teknoloġija tal-Bundeswehr	Stadju importanti	Rapport dwar ir-riżultati tar-riċerka u t-trasferiment	Pubblikazzjoni ta' rapport lill-Ministeru Federali tad-Difiża li jikkonferma l-progress b'suċċess	—	—	—	Q3	2026	Ġie ppubblikat rapport lill-Ministeru Federali tad-Difiża, li jikkonferma s-suċċess ġenerali tal-proġetti ffinanzjati f'termini ta' riżultati tar-riċerka, kooperazzjoni, trasferiment tal-għarfien u trasferiment tat-teknoloġija b'mill-inqas (b'mod ġenerali):

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				tal-proġetti						- 400 pubblikazzjoni; - Tlestew 60 dottorat; - 100 kollaborazzjoni mibdija ma' istituti oħra ta' riċerka; - 70 kollaborazzjoni mibdija ma' kumpaniji industrijali u negozji ġodda; - 30 kollaborazzjoni mibdija ma' aġenziji tal-Forzi Armati Federali u l-amministrazzjoni pubblika; - 20 prototip ta' teknoloġiji maturi; - 20 applikazzjoni għal privattivi; u għal - 10-il proġett ta' tnedija.
70	2.2.4 il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji billi jiġu sostitwiti programmi konvenzjonali marbuta ma' xulxin/rapidi biex titħaffef l-introduzzjoni tal-"Digital Rail Germany"	Stadju importanti	L-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament għall-programm "rapidu" bejn il-Gvern Federali u Deutsche Bahn AG	Ftehim ta' finanzjament iffirmit bejn il-Gvern Federali u Deutsche Bahn AG	—	—	—	Q4	2020	Il-Ftehim ta' finanzjament bejn il-Gvern Federali u Deutsche Bahn AG ġie ffirmat.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
71	2.2.4 il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji billi jiġu sostitwiti programmi konvenzjonali marbuta ma' xulxin/rapidi biex titħaffef l-introduzzjoni tal-"Digital Rail Germany"	Stadju importanti	Rapport interim dwar l-implimentazzjoni	Rapport interim ippreżentat minn DB Netz AG lill-Ministeru Federali għad-Diġitali u t-Trasport (BMDV) u lill-Awtorità Federali tal-Ferroviji (EBA) dwar l-implimentazzjoni tal-programm.	—	—	—	Q2	2021	DB Netz AG issottomettiet rapport lill-Ministeru Federali għad-Diġitali u t-Trasport (BMDV) u lill-Awtorità Federali tal-Ferroviji (EBA) dwar l-implimentazzjoni tal-programm.
72	2.2.4 il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji billi jiġu sostitwiti programmi konvenzjonali marbuta ma' xulxin/rapidi biex titħaffef l-introduzzjoni tal-"Digital Rail Germany"	Mira	Tlestija b'suċċess tal-proġetti pilota	—	Għadd ta' proġetti pilota li tlestew	0	6	Q4	2021	Sitt proġetti pilota tal-programm, li għandhom l-għan li jiżviluppaw soluzzjonijiet biex jissostitwixxu l-kaxxi tas-sinjali qodma u s-sistemi ta' protezzjoni tal-passaġġi invell b'sistemi ta' sigurtà tal-aħħar ġenerazzjoni diġitali tlestew b'suċċess, b'validazzjoni f'kundizzjonijiet operazzjonali għal mill-inqas tlieta minnhom, u validazzjoni f'kundizzjonijiet tal-laboratorju għall-oħrajn.
72 A	2.2.4 il-promozzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji billi	Mira	Tlestija b'suċċess tal-proġett pilota finali	—	Għadd ta' proġetti pilota li tlestew	6	7	Q1	2023	Il-proġett pilota finali tal-programm tlesta b'suċċess b'validazzjoni f'kundizzjonijiet operazzjonali.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	jġu sostitwiti programmi konvenzjonali marbuta ma' xulxin/rapidi biex titħaffef l-introduzzjoni tal-"Digital Rail Germany"									

F. IL-KOMPONENT 3.1: Diġitalizzazzjoni tal-Edukazzjoni

Il-komponent tal-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza jiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-investimenti fit-tranżizzjoni diġitali fl-edukazzjoni. L-għan ġenerali huwa li jingħata lok għal aktar tagħlim u apprendiment diġitali aħjar fis-sistemi differenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-Ġermanja.

Il-komponent jindirizza l-isfida tal-edukazzjoni diġitali fil-Ġermanja. L-isfida li ilha identifikata għet aggravata mill-pandemija tal-COVID-19 peress li l-lockdown relatat ikkawża l-għeluq ta' siti tal-edukazzjoni bħall-iskejjel, l-istituzzjonijiet tat-taħriġ u l-universitajiet. Bil-bidla lejn l-edukazzjoni online, l-infrastruttura subottimali u l-ħiliet diġitali bażiċi qed ixekklu l-proċessi tat-tagħlim.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari fuq l-edukazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020 u 1 fl-2019) u t-titjib tal-eżiti edukattivi u tal-livelli tal-ħiliet tal-gruppi żvantaġġati (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

3.1.1: Investment: Programm ta' investment għall-apparat tal-għalliema

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jiżgura l-fattibbiltà tat-tagħlim u l-apprendiment diġitali fl-iskejjel kollha fil-Ġermanja. Dan jikkonsisti f'li l-għalliema jiġu mgħammra b'apparat diġitali mobbli fuq bażi ta' self. Il-miżura għandha tkun parti minn qafas akbar li jappoġġa l-edukazzjoni diġitali li hija biss parzjalment appoġġata mill-pjan Ġermaniż għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-forniment ta' apparati diġitali għandu jiġi żgurat mill-iskejjel.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

Ir-riforma tal-3.1.2: Pjattaforma tal-edukazzjoni

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li tiġi żviluppata u stabbilita l-ewwel pjattaforma nazzjonali tal-edukazzjoni għal qasam edukattiv komprensiv li, b'mezzi diġitali, jappoġġa l-iżvilupp tal-kompetenzi mill-istudenti tul il-perkorsi ta' tagħlim individwali tagħhom. Il-pjattaforma għandha tgħaqqad offerti ta' tagħlim eżistenti u ġodda u materjali ta' tagħlim u tippermetti aċċess wiesa' u miftuħ.

L-implimentazzjoni tal-miżura hija mistennija li tibda sal-31 ta' Marzu 2022 u għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Ir-riforma tal-3.1.3: Ċentri ta' eċċellenza tal-edukazzjoni

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li ttejjeb u tistituzzjonalizza l-edukazzjoni diġitali b'ħala parti mill-qafas stabbilit tal-edukazzjoni tal-għalliema u l-edukazzjoni ulterjuri. Il-miżura għandha tappoġġa billi tipprovdi kontenut xjentifiku l-iżvilupp u l-istabbiliment ta' ċentri ta' kompetenza għall-edukazzjoni diġitali abbażi ta' sistema ta' kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema u tat-taħriġ fis-servizz, l-universitajiet, u l-istituti tar-riċerka.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

3.1.4 investment: Modernizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali

Dan l-investment ifittex li jgħammar sa 60 istituzzjoni edukattiva differenti tal-Forzi Armati Federali (Bundeswehr) b'teknoloġija tal-informazzjoni aġġornata. Il-miżura għandha tinkludi analiżi bir-reqqa tas-sitwazzjoni attwali u t-titjib tal-ħtiġijiet fl-istituzzjonijiet differenti u introduzzjoni sussegwenti tat-tagħmir u s-sistemi meħtieġa.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
73	3.1.1 programm ta' investiment għall-apparat tal-għalliema	Stadju importanti	Ftehim amministrattiv	Konklużjoni tal-ftehim amministrattiv bejn il-Gvern Federali tal-Ġermanja u l-korpi governattivi fil-livell tal-Länder	—	—	—	Q1	2021	Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger) tal-ftehim amministrattiv bejn il-Gvern Federali tal-Ġermanja u l-korpi governattivi fil-livell tal-Länder biex jiġi implimentat dan l-investiment.
74	3.1.1 programm ta' investiment għall-apparat tal-għalliema	Mira	Żborż ta' mill-inqas EUR 475 000 000 għall-proġetti appoġġati	—	F'miljuni ta' EUR	0	475	Q1	2022	Mill-EUR 500 000 000 allokati għall-miżura, ġew żborżati mill-inqas EUR 475 000 000 għall-forniment ta' tagħmir diġitali għall-għalliema.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
75	3.1.1 programm ta' investiment għall-apparat tal-għalliema	Stadju importanti	Evalwazzjoni tal-bidliet fl-infrastruttura diġitali u l-użu tal-midja diġitali fl-iskejjel	Rapport finali tal-evalwazzjoni	—	—	—	Q4	2025	Ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-programm jikkonferma li l-għalliema osservaw titjib fl-infrastruttura diġitali disponibbli u fl-użu tal-midja diġitali fl-iskola.
76	Pjattaforma tal-edukazzjoni tat-3.1.2	Stadju importanti	Tnedija tad-dħul fis-seħħ tal-linji gwida ta' finanzjament għall-prototipi tal-pjattaformi tal-edukazzjoni u l-akkwist	Pubblikazzjoni tal-linji gwida dwar il-finanzjament u s-sejħa għall-offerti fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q1	2022	Daħlu fis-seħħ linji gwida ta' finanzjament għall-iżvilupp ta' tliet prototipi separati tal-meta-pjattaforma dwar l-edukazzjoni, kif ukoll għal proġetti ta' riċerka transkompattibbli, aċċessibbli għall-istudenti u l-għalliema. Skont ir-riżultat ta' dawn il-proġetti, jiġu ċċarati d-dimensjonijiet ewlenin tal-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett u għandha titnieda l-proċedura tal-akkwist.
77	Pjattaforma tal-edukazzjoni tat-3.1.2	Stadju importanti	Tnedija tal-verżjoni beta-tal-pjattaforma tal-edukazzjoni	Tnedija tal-verżjoni beta tal-pjattaforma fuq is-sit web tal-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka (BMBF)	—	—	—	Q3	2023	Verżjoni beta tal-pjattaforma edukattiva għandha tkun online, bis-servizzi u l-funzjonijiet kollha li ġew identifikati fid-deskrizzjoni funzjonali bħala prijorità għolja mill-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka (BMBF). Dawn il-funzjonijiet jinkludu l-aċċess

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										għall-informazzjoni, il-profil tal-utent, il-kollaborazzjoni, il-ġestjoni tal-identità u tal-aċċess, il-flussi tax-xogħol, l-inbox. It-tnedija għandha tkun akkumpanjata minn awditi addizzjonali tas-sigurtà u tal-protezzjoni tad-data u testijiet tat-tagħbija b'suċċess.
78	Pjattaforma tal-edukazzjoni tat-3.1.2	Stadju importanti	Rapport ta' evalwazzjoni finali b'deċiżjoni dwar il-futur tal-pjattaforma tal-edukazzjoni	Pubblikazzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni finali fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q3	2024	Ir-rapport ta' evalwazzjoni finali tal-pjattaforma tal-edukazzjoni ġie ppubblikat, b'valutazzjoni li tikkonferma li l-proġett kien ta' suċċess skont il-kriterji ta' monitoraġġ tal-proġett. Il-proġett għandu jirnexxi jekk il-kontinwazzjoni tal-pjattaforma edukattiva tkun rakkomandata jew jekk jiġi stabbilit li s-servizzi u l-funzjonijiet tal-prototipi għandhom jittieħdu u jitkomplew minn partijiet ikkonċernati oħra abbażi tar-riżultati tal-proġett.
79	3.1.3 ċentru edukattiv ta' eċċellenza	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ewwel linji gwida ta' finanzjament u sejħa għall-offerti għal aġenzija li teżegwixxi l-proġett għall-programm ġenerali	Il-pubblikazzjoni tal-ewwel linji gwida dwar il-finanzjament fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger) u l-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti fuq pjattaforma tal-għoti.	—	—	—	Q4	2021	Taħt it-tmexxija tal-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka (BMBF), l-ewwel linji gwida ta' finanzjament dahl fuq fis-seħħ u ġew ippubblikati. Intgħażlet aġenzija li teżegwixxi l-proġetti abbażi ta' applikazzjonijiet riċevuti permezz ta' sejħa pubblika għall-offerti fuq pjattaforma tal-għoti.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
80	3.1.3 ċentru edukattiv ta' eċċellenza	Mira	Approvazzjoni ta' mill-inqas 45 proġett ta' riċerka	—	Għadd ta' proġetti ta' riċerka approvati u li għadhom għaddejnin	0	45	Q3	2022	Mill-inqas 45 proġett ta' riċerka ġew approvati mill-aġenzija li teżegwixxi l-proġett u għadhom għaddejnin. Ir-riżultati ġew ippubblikati permezz tal-katalogu federali tal-fondi (Förderkatalog) u s-sit web tal-BMBF.
81	3.1.3 ċentru edukattiv ta' eċċellenza	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' tliet linji gwida ta' finanzjament addizzjonali	Pubblikazzjoni tal-linji gwida ta' finanzjament addizzjonali fil-Gazzetta Federali (Bundesanzeiger)	—	—	—	Q3	2022	Taħt it-tmexxija tal-Ministeru Federali tal-Edukazzjoni u r-Riċerka (BMBF), dahl fis-seħħ u ġew ippubblikati tliet linji gwida ta' finanzjament addizzjonali, kull waħda minnhom b'orjentazzjoni tematika speċifika.
82	3.1.3 ċentru edukattiv ta' eċċellenza	Mira	Tlestija ta' proġetti ta' riċerka	—	Għadd ta' proġetti ta' riċerka li tlestew	0	45	Q3	2026	Tlestew mill-inqas 45 proġett ta' riċerka, kif muri minn rapport ta' evalwazzjoni finali li għandu jippreżenta r-riżultati tal-proġetti ta' riċerka appoġġati u juri l-valur miżjud għat-taħriġ tal-għallima fit-tagħlim diġitali u appoġġat b'mod diġitali f'kull wieħed mil-Länder. Ir-riżultati ġew ippreżentati f'avveniment tal-għeluq u fuq is-sit web tal-BMBF.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
83	3.1.4 modernizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali	Stadju importanti	Kuntratt tal-proġett iffirmat	Kuntratt ta' proġett iffirmat mal-fornitur tas-servizzi tal-IT	—	—	—	Q1	2021	Il-kuntratt tal-proġett għall-fażi inizjali għall-valutazzjoni tas-sistemi tal-IT tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali (Bundeswehr) ġie ffirmat bejn l-Uffiċċju Federali tat-Tagħmir tal-Forzi Armati Federali, it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Appoġġ fis-Servizz (BBAAINBw), awtorità federali superjuri ċivili direttament subordinata għall-Ministeru Federali tad-Difiża (BMVg) u l-fornitur tal-IT, li tistipula l-passi ewlenin fil-ħidma ta' valutazzjoni futura.
84	3.1.4 modernizzazzjoni tal-faċilitajiet edukattivi u ta' taħriġ tal-Forzi Armati Federali	Mira	Analiżi tal-istituzzjonijiet edukattivi u identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-IT tagħhom	—	Għadd ta' istituzzjonijiet edukattivi analizzati bis-sħiħ	0	60	Q1	2022	Il-Ministeru Federali tad-Difiża (BMVg) adotta rapport ta' valutazzjoni. Dan ir-rapport għandu juri li l-ambjenti u l-ħtiġijiet tal-IT tas-60 istituzzjoni edukattiva inizjalment magħżula ġew analizzati, u li l-ħtiġijiet u l-possibbiltajiet ta' implimentazzjoni ġew identifikati.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
